MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 395/2010

Kawza fil-lista: 19

**W X**
**vs**
**O Z X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li l-partijiet izzewwgu fid-29 ta’ Lulju 1995, u f’dan iz-zwieg twieldu tlett itfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li jigi awtorizzat jirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha teccepixxi li hija taqbel mat-talbiet ta’ l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fid-29 ta’ Lulju 1995 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qed taqbel li z-zwieg huwa null.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-29 ta’ Lulju 1995 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 18-il sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa hames snin, il-konvenuta harget tqila bl-ewwel wild li wara xi xhur mietet, il-partijiet kellhom zewt itfal ohra.

Jirrizzulta li meta l-partijiet bdew johrogu flimkien, wara xi zmien bdew jaghmlu l-att taz-zwieg miftuh ghat-tfal bir-rizultat li l-konvenuta harget tqila. L-partijiet izzewgu meta il-konvenuta kellha erbgha xhur tqala u kienet hadet dan il-pass ghax “kienet saret hafna pressjoni mill-familjari biex nizzewgu ghax hekk kien jixraq... Jien ghalija din kienet skuza tajba biex nitlaq mid-dar ta’ ommi u ta’ missieri u fl-ahhar nehles minn dak kollu ikrah li kont ghext fih sa minn tfuliti”[1]. Inoltre, missier il-konvenuta kecciha mid-dar meta sar jaf li hija kien ser ikollha tarbija

[1] Vide a fol. 47, 52, 55.

u anqas it-tieg ma mar u sahhansitra l-anqas it-tfal tal-partijiet ma ra[2].

Mix-xhieda rrizulta li l-konvenuta kellha tfulija difficli[3], missierha kien jghix hajja fil-kriminalita`, kien vjolenti fil-konfront taghha[4] u sahhansitra hija marret tghix gewwa istitut sforz kemm kienet imdejqa. Il-konvenuta tghid li hija kienet ukoll giet abbuzata meta kienet zghira.

L-attur jghid li r-relazzjoni taghhom kienet dejjem wahda difficli u kkonferma li l-konvenuta kellha problemi fit-trobbija taghha minhabba missierha. Huwa jiddeskrivi li l-konvenuta ma kienet taghmel xejn id-dar, il-hasil u t-tindif kien jaghmlu kollu hu[5]. L-attur ikompli jghid kif l-konvenuta kienet anke infidila lejh kemm fiz-zwieg kif ukoll qabel iz-zwieg[6]. Ghalkemm kien jaf b'dan kollu u gie mwissi minn missier il-konvenuta stess li kien qal lill-missieru "she's gonna get married and she's gonna cost you a lot of trouble"[7], l-attur xorta wahda zzewweg lill-konvenuta b'mod immatur u rresponsabbli.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f'dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-partijiet l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr m'gharrfu l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kienu <u>inkapaci</u> jghixu flimkien bhala mizzewgin, f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom. Dan kien ta' impediment serju sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' mhabba u hajja.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet ta' l-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

[2] Vide a fol. 40.
[3] Vide a fol. 51, 52.
[4] Vide a fol. 59, 61.
[5] Vide a fol. 35 et seq.
[6] Vide a fol. 38 u 39.
[7] Vide a fol. 32.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta' Lulju 1995.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------